MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 5/2015

**Fl-atti ta' l-Avviz bin-numru 177/2014 CSH u wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1010/2014 fl-ismijiet:**

**Twin Deal Limited**

**vs**

**Bruno Tucci u Genergia Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-konvenut Bruno Tucci li gie pprezentat nhar l-10 ta' Dicembru 2014 fejn talab:

*"Illi permezz ta' rikors imressaq fis-16 ta' Mejju 2014, is-socjeta' attrici talbet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-esponenti u fil-konfront tas-socjeta' Genergia Limited ghas-somma ta' €10,756.43, u dan in kawtela ta' "ammont dovut b'rifuzjoni peress li naqas jissupplixxi merkanzija ordnata li kienet imhallsa bil-quddiem".*

*Illi dan ir-rikors gie akkordat b'digriet tad-19 ta' Mejju 2014 (ara kopja tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1010/2014, hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument BT1").*

*Illi hemm lok ghar-revoka ta' dan l-att kawtelatorju, a tenur ta' l-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, billi ma hemm l-ebda pretensjoni, lanqas sal-grad ta' prima facie, kontra l-esponenti f'ismu proprju.*

*Illi huwa pacifiku illi l-htigiet tal-ligi ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju huma erbgha, u cioe' (i) l-ezistenza ta' pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li fil-konfront taghha jinhareg il-mandat, (ii) li ssir kawza li tistharreg sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, entro t-terminu preskritt, (iii) li l-mandat ikun jirrispetta r-rekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu, u (iv) li l-mandat jintalab u jinhareg taht ir-responsabbilta' tar-rikorrent [vide* ***Therese Mangion Galea vs Desmond***

***Stanley Stewart*** *(Rik. Nru. 336/2005 JRM), deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, 29.07.2005].*

*Illi s-socjeta' attrici, kif espress kemm fl-att kawtelatorju citat, u kemm fl-avviz promotur ta' din il-kawza, qed tippretendi li ghandha d-dritt ghar-rifuzjoni ta' flus imhallsin minnha bil-quddiem bhala prezz ta' merkanzija. Il-jedd t'azzjoni invokat mis-socjeta' attrici huwa impostat fuq il-kawzali ta' hlas indebitu. Azzjoni din li tipresupponi l-fatt li gie ezegwit hlas meta dan ma kienx dovut. L-ordinament guridiku taghna jikkontempla zewg forom ta' din l-azzjoni, dipendenti minn zewg ipotezijiet ta' fattispeci differenti li madankollu ghandhom l-istess fondament. L-indebitu ex persona jikkonfigura pagament li jkun sar bi zball, u l-indebitu ex re, li jirrigwarda hlas ta' debitu ghall-estinzjoni ta' obbligazzjoni inezistenti. Fil-kaz odjern, la s-socjeta' attrici qed tippretendi l-hlas lura ghax il-merkanzija li hi xtrat ma waslitx, il-pretensjoni taghha tirrizulta prima facie biss fil-konfront tal-persuna li minghandha hija xtrat dik il-merkanzija.*

*Illi dan il-kuntratt tal-bejgh fil-fatt gie konkluz bejn is-socjeta' attrici u bejn is-socjeta' Genergia Limited, u dan kif jidher mill-kopja tal-fattura li qed tigi annessa mal-prezenti u mmarkata bhala "Dokument BT2". Galadarba l-kuntratt ma giex konkluz mal-esponenti Bruno Tucci f'ismu proprju, ma tista' qatt tirrizulta pretensjoni prima facie fil-konfront tieghu. Azzjoni ghal rifuzjoni ta' flus imhallsa tippresupponi l-ezistenza ta' rabta kuntrattwali bejn l-attur u l-konvenut. Dan ghaliex kull hlas jissupponi dejn (**Artikolu 1147(1) tal-Kodici Civili**), u dejn jista' jezisti biss b'konsegwenza ta' rabta kuntrattwali, liema rabta fil-kaz ta' Bruno Tucci de proprio, ma tezistix.*

*Illi s-socjeta' attrici, meta ghazlet li tiddeduci l-pretensjoni taghha kontra l-esponenti f'ismu proprju kif ukoll kontra s-socjeta' Genergia Limited, waqghet f'kontradizzjoni. Is-socjeta' attrici kellha tkun taf ma' min ikuntrattat ghall-bejgh tal-merkanzija. Tant hu hekk li fit-talba taghha fl-avviz promotur, is-socjeta' attrici ma hijiex qed titlob kundanna ta' solidarjeta' fil-konfront ta' l-esponenti de proprio u fil-konfront tieghu fil-vesti ta' rapprezentant tas-socjeta' Genergia Limited. L-assenza ta' talba ghas-solidarjeta' turi li l-pretensjoni tas-socjeta' attrici m'hijiex diretta kontra entrambi l-konvenuti, izda kontra konvenut wiehed biss.*

*Illi l-esponenti umilment jissottomettu li s-socjeta' attrici taf sewwa li hija kkuntrattat mas-socjeta' Genergia Limited. Dan m'huwiex l-ewwel negozju li sar bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' Genergia Limited, u s-socjeta' attrici taf sew li n-negozju fil-merkanzija tat-tip mertu ta' din il-vertenza huwa kondott minn Bruno Tucci permezz tas-socjeta' Genergia Limited, u mhux de proprio.*

*Illi dan tant hu hekk, li waqt ix-xhieda tieghu fl-udjenza tas-17 ta' Settembru 2014, Jason Bezzina (direttur tas-socjeta' attrici) xehed skjettament li, "Mistoqsi ma' min jien ghamilt in-negozju in kwistjoni nghid li jien ghamiltu ma' Bruno Tucci f'isem is-socjeta' Genergija Limited". Kull kumment iehor ikun superfluwu.*

*Illi bla hsara ghall-premess, fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li m'ghandhiex tilqa' t-talba ta' l-esponenti ghat-thassir ta' l-att kawtelatorju citat, l-esponenti qed iressaq ukoll talba sussidjarja ai termini ta' l-Artikolu 838A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*Illi l-**Artikolu 838A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** jghid hekk:*

*Il-Qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug tal-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u, fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju.*

*Illi dwar talba li ssir taht din id-disposizzjoni tal-ligi, jinsab mghallem, "Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-ghoti tal-garanzija huwa alternattiv ghat-talba tat-thassir tal-Mandat, u anzi jista' jinghata biss jekk kemm-il darba t-talba ghat-thassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jigifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod ghadu fis-sehh. Li kieku ma kienx hekk, l-ahhar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddahhlu fil-ligi ghalxejn. Illi minbarra dan il-ligi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawza gusta" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta" ghall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni. Illi nghad ukoll li d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-att kawtelatorju, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha ragunijiet tajba biex tohrog Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eccessiv, la fieragh u lanqas vessatorju, ghaldaqstant ma jitnisslux ragunijiet la ghall-kundanna ghall-hlas ta' penali u lanqas ghad-danni minhabba l-istess Mandat" [**<u>Francis Spiteri et vs Charles Darmanin et</u>** (Rikors Numru 571/2010 JRM), deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili*

*fil-25/8/2010; ara wkoll* ***LK Limited Zebbug Malta vs. Adrian Zammit*** *(Rikors Numru 740/2010 JRM), deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29/9/2010].*

*Illi kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, il-hrug tal-mandat kontra l-esponenti kien att vessatorju intiz biex jolqot lill-esponenti personalment, u dan minkejja l-fatt li s-socjeta' attrici kienet taf ben tajjeb illi hi m'ghandha l-ebda rapport guridiku ma' l-esponenti. Tali att jirrientra allura fit-tifsira ta' malizzja u vessatorjeta', elementi li jikkostitwixxu bazi ghall-kundanna ta' penali ai termini ta' l-Artikolu 836(8). Mhux talli hekk, talli s-sekwestru impunjat wassal ukoll biex l-esponenti jsoffri danni, kif se jintwera waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors. Il-vessatorjeta' ta' l-att tas-socjeta' attrici ghandha tikkostitwixxi kawza gusta ghall-impozizzjoni tal-garanzija, biex b'hekk l-istess socjeta' attrici taghmel tajjeb ghall-atti taghha, pendenti d-determinazzjoni tal-pretensjonijiet taghha fil-mertu.*

*Ghaldaqstant l-esponenti qieghed umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tirrevoka in parte l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1010/2014 fl-ismijiet "**Twin Deal Limited vs. Bruno Tucci u Genergia Limited**" billi tirrevokah sa fejn tali mandat jolqot lill-esponenti de proprio,*

2. *Sussidjarjament u bla pregudizzju ghat-talba precedenti, tordna lill-attrici sabiex taghti, fi zmien qasir u perentorju minnha stabbilit, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, f'ammont u modalita' li jigu definiti minnha, u fin-nuqqas, tordna r-revoka, t-thassir u l-*

*kancellament tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1010/2014, a tenur ta' l-* ***Artikolu 838A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civil****i;*

*U dan previa kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti taghha fi proceduri gudizzjarji."*

Rat ir-risposta ta' Twin Deal Limited li giet ipprezentata fit-18 ta' Dicembru 2014 fejn eccepiet is-segwenti:

1. *"Illi l-kawza in kwistjoni nfethet kontra Bruno Tucci personalment (flimkien mal-kumpanija Genergia Limited) ghaliex il-pagament attwali sar lilu personalment. Ic-cekk ma sarx lil Genergia Limited jew lil Bruno Tucci f'isem Genergia Limited, izda lil Bruno Tucci (Dok 'A' anness). Mid-dokument tal-bank (l-istess Dok A) jirrizulta li Bruno Tucci ffirma fuq wara tac-cekk minghajr ma indika li kien qieghed jiffirma f'isem il-kumpanija Genergia Ltd meta sarraf ic-cekk fit-18 ta' Jannar 2014 (l-istess Dok A p2);*

2. *Illi ghall-istess ragunijiet hawn fuq imsemmija, jigifieri ghaliex il-hlas sar lil Bruno Tucci personalment u c-cekk inhareg f'ismu personalment, il-mandat kawtelatorju sar kontra Bruno Tucci wkoll, u mhux biss kontra Genergia Limited;*

3. *Illi hemm raguni ohra ghalfejn il-kawza nfethet kontra Bruno Tucci personalment, kif ukoll ghalfejn il-mandat kawtelatorju inhareg kontra l-istess Bruno Tucci personalment (apparti Genergia Ltd.). L-abili difensur tal-konvenuti, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2014, informa lill-Onorabbli Qorti li fis-seduta li jmiss, l-istess Bruno Tucci se jitla' jixhed. Mill-kontro ezami ippjanata ta' l-istess Bruno Tucci, din ir-raguni ghandha tirrizulta ampjament;*

4. *Illi qatt ma kien hemm l-ebda hsieb li ssir vendikazzjoni minn Bruno Tucci personalment. Li kieku l-kumpanija attrici riedet tivvendika ruhha minnu, kienet tmur dritt ghand il-Pulizija u taghmel kwerela kontra Bruno Tucci, abbazi tal-email tal-15 ta' Mejju 2014 minghand Techno Systems Limited (Dok 'B' anness). Dan m'ghamlitux specifikament ghaliex ma rieditx tikkumplika l-hajja ta' Bruno Tucci billi ggibu fit-trouble mal-Pulizija, izda riedet biss li tigbor dak li hu dovut lilha;*

5. *Illi ghall-istess raguni, jigifieri li l-Kumpanija Attrici qaghdet attenta li ma tweggax lil Bruno Tucci jew in-negozju tieghu, ma sar l-ebda attentat li abbazi ta' mandat kawtelatorju tissekwestra l-kapital (makkinarju) li dak iz-zmien kellu fil-garaxx li kien jikri minghand certu David Schembri gewwa Hal Qormi. Il-kumpanija attrici kienet taf li l-makkinarju in kwistjoni huma sors ta' ghajxien ghal Bruno Tucci (avolja mhux necessarjament l-uniku sors ta' ghajxien tieghu), u ma xtaqitx ittellfu dan is-sors ta' ghajxien, jew kwalunkwe sors iehor ta' ghajxien;*

6. *Illi rigward danni li allegatament sofra jew qieghed isofri Bruno Tucci, dawn setghu jigu evitati minnu stess, li kieku ta xi forma ta' depozitu jew garanzija skont il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 Ligijiet ta'*

*Malta),* ***artiklu 830(2).*** *Permezz ta' dan in-nuqqas, Bruno Tucci ma ppruvax ixejjen l-allegat hsarat, meta kellu soluzzjoni cara quddiemu. Ta' dan in-nuqqas m'ghandhiex tinzamm responabbli l-kumpanija attrici;*

7. *Illi rigward il-kwistjoni ta' danni, u minghajr pregudizzju ghall-osservazzjonijiet maghmula aktar 'l fuq f'din ir-risposta, tingibed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, illi l-mandat kawtelatorju sar f'Mejju 2014 (meta nfethet il-kawza). Li kieku Bruno Tucci verament kien qieghed isofri danni, ir-rikors ghar-revoka tal-mandat kien isir qabel, u mhux meta wasalna biex nikkonkludu l-kaz u wara li s-smiegh gie pospost fuq talba tal-abbli avukat difensur. Idejalment kienet issir id-depozitu jew tinghata l-garanzija skond l-*
***art. 830(2) ta' Kap. 12*** *imma fin-nuqqas ta' dan, seta' jigi intavolat rikors, bhal ma fil-fatt sar. Dan ir-rikors, f'dan l-istadju avvanzat, jidher li huwa intiz biex is-smiegh jitwal ('to gain time') u dan wara li diga tlifna seduta wahda (fl-10 ta' Dicembru 2014) fuq talba ghal differiment tal-abili avukat difensur ghar-raguni moghtija mill-istess avukat difensur tal-konvenuti fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2014 (liema raguni ma hemmx ghalfejn tigi miktuba f'din ir-risposta);*

*Ghaldaqstant il-kumpanija attrici, fil-waqt li titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba ghat-thassir tal-mandat kawtelatorju, topponi kwalunkwe pretensjonijiet li jikkoncernaw danni u/jew penali kontriha, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi u ghalhekk tissottometti bir-rispett li ma hemmx lok li l-Onorabbli Qorti tordna garanzija xierqa skont l-****artiklu 838A ta' Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta****. Titlob ukoll li decizjoni mill-Onorabbli Qorti, dwar jekk ghandux jithassar il-mandat kawtelatorju, tithalla ghal wara li jitla' jixhed u wara l-kontro-ezami ta' Bruno Tucci.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti."*

Rat il-verbal tal-21 ta' Jannar 2015 fejn ir-rikorrenti talab illi x-xhieda kollha li nstemghet fil-kawza Rikors Numru 177/2014 CSH fl-ismijiet inversi tapplika *mutatis mutandi* ghar-rikors odjern. Dr Ivan Mifsud ghas-socjeta' intimata ddikjara li jaqbel ma' din it-talba u ghalhekk il-Qorti laqghet it-talba.

**Jason Bezzina** ghan-nom tas-socjeta' attrici xehed fis-17 ta' Settembru 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' Twin Deal Ltd. Huwa spjega li kellu bzonn numru ta' magni sabiex jissuplixxi klijent tieghu hawn Malta u ghalhekk kien qabbad lill-Bruno Tucci sabiex igiblu dawn il-magni u tah kwotazzjoni. Wara li ghadda l-kwotazzjoni lill-klijent, il-klijent accettaha u qallu biex jaghmel id-delivery fi zmien gimghatejn jew tliet gimghat minn meta ssir l-ordni. In segwitu x-xhud ordna x-xoghol. Appena ordna x-xoghol, ix-xhud ghadda pagament lill-Bruno Tucci ghalhekk l-ordni saret minn naha tieghu. Ghalhekk huwa ghadda cekk fl-ammont ta' ghaxart elef, seba' mija u sitta u hamsin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€10,756.43) lill-Bruno Tucci fis-17 ta' Jannar, 2014 liema kopja ta' dan ic-cekk jinsab inserit fl-atti mmarkat bhala Dokument A a fol 3. Din is-somma tirraprezenta l-ammont kollu nkluz it-trasport.

Ix-xhud iddikjara li dan ix-xoghol ma wasallux. Huwa ghalhekk ikkomunika mas-Sur Tucci u huwa qallu li dalwaqt kien se jkun ghandu. Din il-konversazzjoni giet ripetuta diversi drabi tul perjodu ta' tliet xhur. Huwa tenna li l-klijent tieghu huwa ST Microelectronics u filfatt huma stess bdew jippruvaw jikkomunikaw ma' Bruno Tucci u lilhom ukoll qalilhom li dalwaqt kienet se tasal il-konsenja. ST Microelectronics qalulu li jekk imorrulu l-*heat exchanges* li huma kellhom huwa kien se jinzamm responsabbli tal-fabbrika wieqfa. Ix-xhud ghalhekk rega'

kkomunika ma’ Bruno Tucci sabiex jghaggel il-process u f’Mejju ddecieda li jwaqqaf l-ordni li kien ghamel ma’ Bruno Tucci u naturalment talab rimbors tal-flejjes li kien ghamel. Ix-xhud qabel ma kkancella l-ordni filfatt avzah illi jekk huwa ma kienx se jgiblu din il-merkanzija fi zmien gimgha kien se jwaqqaf l-ordni. Ghalhekk ikkancella din l-ordni u ordna dirett mis-*supplier* u fi zmien gimgha waslitlu l-merkanzija in kwistjoni pero’ l-flus huwa ma hadhomx lura minghand Bruno Tucci u ghalhekk huwa ghamel din il-kawza sabiex jiehu lura din is-somma flus.

Ix-xhud stqarr illi meta wasal ix-xoghol huwa qala’ l-labels li kien hemm fuq il-merkanzija u ezatt wara l-label tieghu kien hemm l-indirizz ta’ Bruno Tucci. Huwa ghalhekk cempel lis-supplier u staqsieh biex jaghtih spjegazzjoni ta’ din u qallu li dawn kienu gew ordnati minn Bruno Tucci u Bruno Tucci ma hallsux u ghalhekk ma setghax jirrilisja din l-istess merkanzija. Huwa sostna li ghandu l-borza b’ismu u b’isem is-socjeta’ Genergia Ltd. Huwa prometta li jesebixxi dawn id-dokumenti fis-seduta sussegwenti. Huwa ghamel referenza wkoll ghad-dokument C esebit fl-atti a fol 5 u 6 li huma *exchange* ta’ emails bejn ix-xhud u s-socjeta’ barranija minghand min xtraw il-konsenja in kwistjoni. Is-Sur Tucci dejjem qalilhom li l-konsenja kellha tasal. Qatt ma qalilhom li effettivament huwa qatt ma kien ghamel hlas minkejja li huma kienu hallsuh *upfront* u effettivament ikkonferma wkoll illi c-cekk in kwistjoni kien issarraf ftit minuti wara li harguh. Mistoqsi ma’ min huwa ghamel in-negozju in kwistjoni wiegeb li huwa ghamlu ma’ Bruno Tucci f’isem is-socjeta’ Genergia Limited. Mistoqsi kif waslu ghas-supplier wiegeb illi meta’ huwa semma l-*brand name* ma’ kumpanija ohra awtomatikament iddirigewh ghas-supplier in kwistjoni. Mistoqsi min effettivament hija l-kumpanija Aretrop Limited wiegeb li din hija kumpanija li tinsab Malta li huwa kien qabbad sabiex tara min kienet il-kumpanija barra min Malta ma’ min kellu jaghmel ordni. Dan ghax l-ST Microelectronics kienu

qeghdin jippretendu li jircievu l-istess *brand* tal-ordni li kien ghamel originarjament. Lil Bruno Tucci kien kellmu huwa ghan-nom tas-socjeta' Twin Deal Ltd u n-negozjati ma' Bruno Tucci saru minnu stess. Ix-xhud ma jafx jekk effettivament kienx hemm xi rapprezentanti ohra tas-socjeta' Twin Deal Ltd li effettivament tkellem ma' Bruno Tucci.

**Santo Portera** xehed bil-lingwa Ingliza nhar it-22 ta' Ottubru 2012 fejn iddikjara li huwa ghandu l-kariga ta' *managing director* fis-socjeta' Aretrop Limited. Huwa jiftakar li fit-22 ta' April 2014 huwa kien ircieva talba minghand Jason Bezzina ghan-nom ta' Twin Deal Limited biex jghinu jiccekja fuq zewg heat exchangers. Bezzina kien baghtlu email liema email giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok SP. Sussegwentement huwa fittex fuq l-Internet u sab kumpanija jisimha Techno System gewwa l-Italja u ghalhekk talabhom kemm jiswew dawn il-parts. Dan kien nhar il-25 ta' April 2014. Huwa esebixxa dokument ta' din il-korrespondenza li l-Qorti mmarkat bhala Dok. SP1.

Ix-xhud tenna li Mr. Bezzina baghtlu reminder u huwa wiegbu li qed jistenna l-quotation minn Techno System l-Italja. Mr Bezzina wiegbu li dan kien ezatt li kellu bzonn. Ix-xhud esebixxa kopja tal-email li giet immarkata bhala Dokument SP2. Sussegwentement ix-xhud ghadda l-ordni lil Techno System u talab aktar informazzjoni fuq trasport u affarijiet simili. L-ordni giet konfermata fit-28 ta' April 2014 u gie mitlub biex jaghmel il-pagament bil-quddiem. Huwa esebixxa kopja tad-dokumentazzjoni relattiva li giet immarkata bhala Dokument SP3. Ix-xhud staqsa lis-socjeta' Taljana kemm iddum biex tasal id-*delivery* u wiegeb fi zmien tlett ijiem mid-data tal-pagament. Huwa esebixxa kopja tal-email li giet immarkata bhala Dok. SP4. Huwa ghamel il-pagament u ta struzzjonijiet lil *forward agents* tieghu biex imorru u jigbru l-konsenja. Il-pagament wasal ghand

is-suppliers fil-5 ta' Mejju 2014 u tawh il-clearance biex imur jigbor il-merkanzija li ordna. Il-merkanzija waslet Malta fit-12 ta' Mejju 2014.

Sussegwentement huwa rcieva telefonata minghand Twin Deal fejn gie nfurmat li fuq il-pakkett hemm indirizz iehor taht il-label li kienet indirizzata lilhom. Ix-xhud stqarr illi ma jaf xejn fuq dan. Huwa kien ta struzzjonijiet lill-*forwarders* tieghu biex jigbru l-merkanzija u jaghtuha direttament lill-klijent tieghu.

**Mario Bezzina** xehed fit-22 ta' Ottubru 2014 fejn iddikjara li huwa jahdem mas-socjeta'attrici Twin Deal Limited u xoghlu huwa sabiex jiehu hsieb li jaghmel ordni u jaghmel *checking* biex jara li l-ordni tkun giet konsenjata. Huwa jiftakar illi f'Jannar tas-sena 2014 huma kienu ghamlu komuniki ma' Bruno Tucci sabiex jaghtihom *quotation* ghal zewg *heat exchangers* li hu stess kien jaf li kienu ghal kumpanija ST Microelectronics u naturalment ghamluhielu cara illi dan huwa klijent kbir taghhom u kellhom ghalhekk izommu l-granet tal-konsenja. Huwa tenna li appena gew moghtija l-*quotation,* suppost id-*delivery period* kien ta' erbatax-il jum u ghalhekk ghamlu komunika lil din il-persuna cioe' ma' Bruno Tucci u ghaddewlu l-flus ghal din l-ordni. Huwa kien mar ghac-cekk, liema cekk effettivament kien gie msarraf u c-cekk kien fl-ammont ta' €10,756.43. Dan ic-cekk huwa effettivament esebit fl-atti u huwa ffirmat minnu a fol 3 tal-process.

Ix-xhud spjega li z-zmien beda ghaddej u minn zmien ghal zmien kien icempillu u jsaqsieh fiex waslet il-konsenja taghhom u Bruno Tucci dejjem kien iwahhal fil-kumpanija ta' barra u kien jaghtih hafna skuzi ghax effettivament l-ordni tieghu ma kienitx giet konsenjata. Huwa esebixxa zewg emails mibghuta lilu li huma skambji ta' emails li ghaddiet bejn is-segretarja tal-kumpanija Twin Deal Limited u Bruno Tucci. Dawn gew immarkati bhala Dokument AB u meta raw li l-

konsenja ma waslitx huwa cempel lil Bruno Tucci u dan ghax kienu qeghdin jigu pressati hafna minn Microelectronics peress li kellhom zewg *heat exchanges* u zammewhom responsabbli li jekk jinqala' xi haga kienu ha jidhlu fl-inkwiet.

In segwitu tenna li darba minnhom cempillu li xtaq jikkancella l-ordni u kazwalment qallu li se jikteb lill-kumpanija ta' barra sabiex jibghatulu l-flus lura. Naturalment ix-xhud ma rahiex f'postha u ghalhekk kiteb barra minn Malta fejn kienu qalulhom illi effettivament Bruno Tucci ma kienx qed jikkoopera maghhom u kienu sejrin jispiccaw il-Qorti dwar din il-pendenza. Ir-risposta taghhom giet fil-15 ta' Mejju fejn ikkonferma illi Mr Bruno dakinhar tahom persentagg zghir hafna tal-pagament u huma kienu qed isegwuh pero' m'ghamilx komunika ohra maghhom sakemm ghamel kuntatt maghhom fit-30 ta' April 2014. Pero' cio' nonostante xorta ma semghu xejn. Ghalhekk ix-xhud sostna li sab diffikulta biex jemmen lil Bruno li kien qed jghidlu li huwa ma kienx qed jikkomunika mas-socjeta' barra minn Malta dwar din l-istess konsenja.

Nel frattemp it-tifel tax-xhud Jason Bezzina, li huwa wkoll direttur tas-socjeta' Twin Deal Ltd, ghamel kuntatt mas-socjeta' Aretrop u dan ghax kien indaga f'din il-kumpanija u rrizulta li kumbinazzjoni z-zewg heat exchanges li huma rcivew wara xi gimgha jew xi zmien simili fuq zewg pakketti, kien hemm isem tal-kumpanija Aretrop u kien hemm ukoll isem tal-kumpanija Genergia Limited li hija l-kumpanija ta' Bruno Tucci u kien ghalhekk li huma spiccaw il-Qorti sabiex jiehdu lura l-flus li huma ghaddew lill-istess kumpanija.

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u jitolbu li l-kawza tigi differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti in breve li taw lok ghal dan ir-rikors huma s-segwenti.

1. Is-socjeta' intimata f'dan ir-rikors kienet ipprezentat rikors opportun fl-ismijiet inversi, Rikors Numru 177/14 CSH fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lir-rikorrent Bruno Tucci flimkien mas-socjeta' Genergia Ltd sabiex jirrifondu s-somma ta' ghaxart elef, seba' mija u sitta u hamsin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€10,756.43) rapprezentanti din is-somma l-prezz ta' zewg *heat exchanges* li s-socjeta' intimata kienet originarjament ordnat minghand ir-rikorrent Bruno Tucci flimkien mas-socjeta' Genergia Ltd
2. Jirrizulta mill-provi akkweziti li effettivament nhar is-17 ta' Jannar 2014 is-socjeta' intimata kienet hallset lil Bruno Tucci l-ammont mitlub minnu rapprezentanti l-prezz ta' dawn iz-zewg *heat exchangers* bl-intendiment li huma kellhom jikkonsenjaw din il-merkanzija fi zmien gimghatejn u mhux iktar tard mill-ahhar ta' Frar 2014.
3. Gara' pero' li in effetti din il-konsenja ma waslet qatt u fl-ahhar ta' April 2014 is-socjeta' intimata ikkancellat l-ordni u xtrat din l-istess merkanzija tramite l-ghajnuna ta' kumpanija ohra u cioe' s-socjeta' Aretrop.
4. Illi ghalhekk is-socjeta' intimata ghal darb'ohra hallset il-prezz ta' dawn iz-zewg *heat exchangers* ghaliex ma riditx ma tonorax l-obbligi li hija kellha mal-klijent taghha s-socjeta' ST Micro Electronics.
5. Illi in segwitu din il-merkanzija waslet u s-socjeta' intimata kkonsenjat l-istess merkanzija ordnata lill-klijenti taghha.

6. Ghalhekk in segwitu s-socjeta’ intimata talbet ir-rimbors tal-flejjes imhallsa lir-rikorrent Bruno Tucci pero’ r-rikorrent baqa’ inadempjenti u ma hallasx u li qed izomm minghajr ebda bazi fil-ligi.

7. Illi dan ir-Rikors Numru 177/14 fl-ismijiet inversi qed jinstema prezenzjalment quddiem din l-istess Qorti. Jinghad li fil-mori tar-rikors appena msemmi s-socjeta’ intimata pprezentat mandat ta’ sekwestru kontra r-rikorrenti odjerni u kien ghalhekk li r-rikorrent pprezenta l-prezenti procedura abbazi tal-Artikolu 830 tal-Kap 12 fejn qed jitlob lil din il-Qorti *“tirrevoka in parte l-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1010/2014 fl-ismijiet “**Twin Deal Limited vs. Bruno Tucci u Genergia Limited**” billi tirrevokah sa fejn tali mandat jolqot lill-esponenti de proprio, u sussidjarjament u bla pregudizzju ghat-talba precedenti, tordna lill-attrici sabiex taghti, fi zmien qasir u perentorju minnha stabbilit, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista’ tigi mposta u ta’ danni u imghax, f’ammont u modalita’ li jigu definiti minnha, u fin-nuqqas, tordna r-revoka, it-thassir u l-kancellament tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1010/2014, a tenur ta’ l-Artikolu 838A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;*
8. Illi s-socjeta’ intimata qed toggezzjona ghal dan u tghid li l-flejjes huma dovuti in solidum kemm mir-rikorrenti personalment stante li c-cekk ta’ hlas hareg f’isem ir-rikorrenti de proprio kif ukoll mis-socjeta’ Genergia Ltd stante li n-negozju kien bejnha u bejn r-rikorrent odjern u s-socjeta’ Genergia Ltd.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrent qed jitlob ghar-revoka ta’ dan l-att kawtelatorju, a tenur tal-**Artikolu 836 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili**, billi jiddikjara li ma

hemm l-ebda pretensjoni, lanqas sal-grad ta’ prima facie, kontra l-esponenti f’ismu proprju. Illi bir-rispett kollu r-rikorrent ma jiccita l-ebda sub-artikolu tal-istess Artikolu 836 u dan qed jinghad ghaliex uhud minn dawk is-sub-artikoli ma jsibu l-ebda konfort fil-fatti kif esposti fil-kawza. Jinghad li l-iktar sub-artikolu vicin li bit-tigbid tieghu jista’ jkopri l-lanjanza tar-rikorrent hija s-sub-artikolu (d) stante li qed isostni li l-ammont dovut semmai mhux dovut mir-rikorrenti *de proprio* liema sub-artikoli jistipula s-segwenti:

*(d) “jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew....”*

Illi r-rikorrent ghogbu jispjega x’inhuma l-elementi mehtiega sabiex jintalab revoka ta’ mandat kawtelatorju gia fis-sehh u din il-Qorti taqbel perfettament mat-tezi tieghu pero’ fl-istess rikors ma jaghmel l-ebda referenza ghal kif dawn l-elementi japplikaw ghal kaz in desamina.

Issa fl-accertament tat-talbiet tar-rikorrent ghall-fini ta` dan il-procediment, l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta’ *prima facie* u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti f’dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta’ procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza propja. (PA/RCP – **Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co Ltd** tas-7 ta’ Frar 2001 u PA/JRM – **Mediterranean Flower Products Limited vs Flower Power (Sales) Limited** tat-30 ta’ Dicembru 2008). Jispetta lir-rikorrent li jaghmel il-prova tat-talbiet tieghu ghar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru de quo u tat-talbiet l-ohra relatati.

Illi pero' din il-Qorti ma thossx il-htiega sabiex tezamina l-atti processwali u tghid jekk effettivament hemmx *prima facie* kaz kontra r-rikorrent u dan ghaliex hija diga ppronunzjat ruhha fuq il-mertu fir-rikors numru 177/2014 fl-ismijiet inversi li gie deciz illum stess u ghalhekk il-mertu ta' dan ir-rikors illum gie sorpassat.

In oltre fit-tieni talba r-rikorrenti f'dawn il-proceduri kien qed jitlob wkoll lil din il-Qorti sabiex kemm-il darba ma jigix imhassar il-mandat ta' sekwestru, l-istess sekwestrant ghandu jigi obbligat jipprovdi garanzija ghad-danni.

Kif irriteniet il-Qorti fil-fuq citata kawza "**<u>Zarb vs Port Cottonera Limited</u>**" (deciza fit-18 ta' Settembru 2002):

*"Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilta' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibili mil-ligi."*

Fil-kawza "**<u>Darmanin vs Cachia et</u>**" (deciza fil-31 ta' Lulju 2007), il-Qorti rriteniet illi:

*"Illi minbarra dan il-ligi trid ukoll li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhala "kawza gusta" ghall-finijiet ta' dan l-artikolu. Lanqas ma jidher li huwa bizzejjed biex jikkostitwixxi "kawza gusta" ghall-finijiet tal-**Artikolu 838A** il-fatt li persuna li*

*kontriha jkun inhareg Mandat kawtelatorju tkun qieghda ggarrab danni minhabba dak il-Mandat. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti taghti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-htija kif imfissra fl-**Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili**."*

Fil-kawza "**Spiteri vs Camilleri**" (deciza fl-10 ta' Jannar 1992), il-Qorti riaffermat il-principji regolatorji fil-kuntest ta' talba ghall-imposizzjoni ta' garanzija. Dawn gew ukoll konfermati fil-fuq citata "**Zarb vs Port Cottonera Limited**" u ghalihom, il-Qorti taghmel pjena referenza.

**Fid-dawl ta' dawn il-principji, u fid-dawl li r-rikors li jitratta l-mertu tat-talba tal-kawza gja gie deciz, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors.**

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent Bruno Tucci.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------